MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2005

Citazzjoni Numru. 1228/1994/1

**Joseph Bellia u b'digriet tal-Qorti tal-18 ta' Jannar, 2000 il-gudizzju gie trasfuz f'isem Jeanette Bellia u ta' Mary Jane Mamo**

**vs**

**Brian Abela u Arthur Ebejer**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur fit-12 ta' Settembru, 1994, li in forza taghha, wara li ppremetta illi:

L-konvenuti flimkien kienu jiggestixxu negozju ta' sala ta' ricevimenti jisimha *Moulin D'Or,* illi fiha huma accettaw illi jiehdu konsenja ta' pitturi mpingija mill-attur sabiex dawn jintwerew lill-pubbliku u meta jinbieghu, l-attur jithallas il-prezz pattwit.

Kien miftiehem bejn il-partijiet illi r-riskju ta' l-istess pitturi kellu jkun f'idejn il-konvenuti personalment li obbligaw ruhhom li jassikuraw l-istess.

Fil-15 ta' Mejju, 1993, il-konvenuti rrapportaw li sar serq mill-imsemmi fond *Moulin D'Or* li jinsab f'Triq Il-Kuncizzjoni, Hal Lija, u li b'konsegwenza ta' dan is-serq ittiehdu l-pitturi kollha ta' l-attur.

F'diversi inkontri li kien hemm bejn l-attur u l-konvenuti dawn dejjem ammettew li kienu responsabbli personalment ghal dawn il-pitturi izda talbu dilazzjoni sakemm huma jithallsu mill-assikurazzjoni.

Effettivament l-assikurazzjoni qeghda tirrifjuta li thallas ta' dan it-telf billi mhix sodisfatta dwar kif sehhew l-affarijiet.

L-attur ghalhekk ghandu d-dritt li jithallas minghand il-konvenuti u dana fis-somma ta' elf, sitt mija u ghaxar Liri Maltin (Lm1,610) li huwa l-valur ta' l-imsemmija pitturi.

Talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjarhom responsabbli ghall-kustodja tal-pitturi msemmija u ghalhekk responsabbli ghar-rifuzjoni tal-valur ta' l-istess pitturi lill-attur.

2. Tillikwida l-valur ta' l-istess pitturi fis-somma ta' elf u sitt mija u ghaxar Liri Maltin (Lm1,610) u

3. Tikkundanna lill-istess konvenuti sabiex ihallsu din is-somma hekk likwidita lill-attur bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandati Numri 2896/94, 2897/94, 2898/94, 2899/94 kontra l-konvenuti li jibqghu ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Arthur Ebejer li in forza taghha ecepixxa illi:

1. Preliminarjament, il-konvenut Arthur Ebejer ma huwiex il-legittimu kontradittur u konsegwentment ghandu

jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju *stante* illi ma tezisti ebda relazzjoni guridika bejn l-attur u l-esponent billi l-istess esponent kien qieghed jittratta mal-attur fil-kariga tieghu bhala direttur ghan-nom u *in rapprezentanza* tas-socjeta’ *Moulin D’Or Co Ltd* liema socjeta’ tiggestixxi n-negozju ta’ sala ta’ ricevimenti jisimha *Moulin D’Or.*

2. Minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, l-azzjoni attrici hija intempestiva billi l-attur kien accetta illi jistenna l-ezitu tal-proceduri gudizzjarji istitwiti mis-socjeta’ *Moulin D’Or Co Ltd* kontra s-socjeta’ ta’ assikurazzjoni illi kienet qieghdha tipproteggi l-interessi tal-attur minn kwalsiasi hsara jew dannu kkawzat minn serq.

3. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Brian Abela li in forza taghha eccepixxa illi:

1. Preliminarjament, il-konvenut Brian Abela ma huwiex il-legittimu kontradittur u konsegwentement ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju *stante* illi ma tezisti ebda relazzjoni guridika bejn l-attur u l-esponent billi l-istess esponent kien qieghed jittratta mal-attur fil-kariga tieghu bhala direttur ghan-nom u *in rapprezentanza* tas-socjeta’ *Moulin D’Or Ltd* liema socjeta’ tiggestixxi n-negozju ta’ sala ta’ ricevimenti jisimha *Moulin D’Or.*

2. Minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, l-azzjoni attrici hija intempestiva billi l-attur kien accetta illi jistenna l-ezitu tal-proceduri gudizzjarji istitwiti mis-socjeta’ *Moulin D’Or Co Ltd* kontra s-socjeta’ ta’ assikurazzjoni illi kienet qieghdha tipproteggi l-interessi tal-attur minn kwalsiasi hsara jew dannu kkawzat minn serq.

3. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezebiti;

Rat li l-kawza giet differita ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

L-attur kkunsenja lill-konvenuti xi pitturi tieghu u dawn gew esposti f'sala, parti minn ambjent akbar maghruf bhala *Moulin D'Or,* li jinsab Hal-Lija. L-attur kien wasal biex iqieghed dawn il-pitturi f'dik is-sala, flimkien ma' xogholijiet ta' artisti lokali ohrajn, wara li kien gie avvicinat ghal dan l-iskop minn Anna Dingli, artista lokali ohra. Din kienet 'ltaqghet ma' Brian Abela li kien qallha li hu u certu Arthur Ebejer kienu ghadhom kemm xtraw is-sala bl-isem *Moulin D'Or,* u staqsieha jekk hi kienetx interessata li taghmel wirja ta' pitturi taghha fl-istess sala, bl-iskop li l-mistiednin jaraw il-pitturi ezebiti, u jekk ikunu interessati, dawn ikunu jistghu jixtru minnhom. Din Anna Dingli interessat ruhha fil-proposta, u peress li ma kellhiex numru sufficjenti ta' xogholijiet biex tkun tista' timla s-sala, avvicinat hbieb taghha, fosthom l-attur, biex jiehdu sehem ukoll maghha f'dan il-progett. L-attur, Anna Dingli, u artisti ohra accettaw li jorganizzaw wirja fis-sala li kellha tiftah f'Awissu tal-1992.

Minhabba li f'okkazzjoni precedenti, Anna Dingli kienet ghaddiet minn esperjenza spjacevoli fejn il-pitturi taghha sfaw iddanneggjati, hija, flimkien mal-artisti l-ohra, insistiet ma' Brian Abela, u aktar tard ma' Arthur Ebejer, meta 'ltaqghet mieghu, li dawn l-esebiti jkunu koperti b'polza ta' assikurazzjoni. Il-konvenut accettaw din il-kondizzjoni.

Il-wirja kellha tibqa' miftuha sa' Ottubru, 1992, *pero'*, fuq insistenza tal-konvenuti, iz-zmien gie mtawwal, peress li l-konvenuti qalu lill-artisti li n-nies kienu interessati u kien jaqbel, allura, li jaghmlu zmien ulterjuri esposti.

Ghal-habta ta' Mejju, 1993, l-attur u Anna Dingli marru biex jigbru l-pitturi u ikkomunikaw ma' Arthur Ebejer biex jinfurmawh li kienu se jigbru l-pitturi. Ftit wara dan gew infurmati li kienet saret serqa minn injoti bil-konsegwenza li l-pitturi ghosfru, fosthom tal-attur. L-attur qed jirreklama

l-ammont, fi flus, ekwivalenti ghall-prezz tal-pitturi tieghu minghand iz-zewg konvenuti personalment.

Il-konvenuti qed isostnu li kull trattativa li saret mal-artisti giet kondotta f'isem is-socjeta' *Moulin D'Or Company Limited* u mhux maghhom personalment, u l-attur kien edott b'dan l-istat ta' fatt. Jirrizulta li dawn il-pitturi kienu gew assikurati ma' socjeta' assikurattrici minn naha tas-socjeta' *Moulin D'Or Co. Ltd*, izda, wara li saret *claim* mas-socjeta' assikuratrici ghal-fini ta' rimbors, il-kumpanija assikuratrici baqghet tirrifjuta li thallas ghar-raguni li hija ma kienetx sodisfatta li kien sehh tabilhaqq sgass biex sehhet l-allegata serqa, u, ghalhekk, ma kienx sehh incident kopert bil-polza ta' assikurazzjoni. Ghal-bidu, l-attur u l-artisti l-ohra wrew ruhhom propensi li jistennew l-ezitu tal-*claim* li saret mas-socjeta' assikuratrici, u ma kienux ippressaw *oltre* biex jithallsu l-prezz tal-pitturi, izda meta dawn raw li l-affarijiet kienu qed jitwalu, huma ddecidew li jesigu hlas minghand il-konvenuti.

Jirrizulta, fil-fatt, li min barra din il-kawza, zewg artisti ohra kienu wkoll fethu proceduri kontra l-konvenuti. Il-kawza ta' Anna Dingli igib in-numru 1231/94, waqt li l-kawza li fetah Anthony Sciberras, artist iehor li kellu pitturi esebiti fis-sala u li gew allegatament misruqa wkoll, igib in-numru 1230/94. Il-provi fit-tlett kawzi kienu relatati, u xhieda mismugha f'wahda gew anke, ghal-konvenjenza, presentati fil-kawzi l-ohra. Il-kawza li fethet minn Anna Dingli giet deciza minn din il-Qorti fit-12 ta' Lulju, 2001, u giet deciza favur l-attrici. Peress li l-konvenuti kienu interponu appell minn dik id-decizjoni, kien gie deciz li din il-kawza u l-ohra imressqa mill-artist l-iehor, jistenghu l-esitu tad-decizjoni fl-appell. Il-kawza ta' Anna Dingli giet issa deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-3 ta' Dicembru, 2004, u dik l-Onorabbli Qorti ikkonfermat is-sentenza li kienet tat din il-Qorti, u ordnat lill-konvenuti personalment jaghmlu tajjeb ghat-telf tal-pitturi. L-attur f'din il-kawza issa qieghed jaghmel referenza ghad-decizjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Appell li ttrattat u ddecidiet fuq l-istess meritu u fuq l-istess eccezzjonijiet ta' din il-kawza.

Fil-fatt, l-ewwel punt li ttrattat l-Onorabbli Qorti tal-Appel kienet is-sottomissjoni tal-konvenuti li huma ma kienux il-legittimi kontradditturi, peress li, skond huma, il-ftehim tal-artisti kien ma' *Moulin D'Or Co Ltd* u mhux maghhom. L-Onorabbli Qorti tal-Appell ezaminat il-provi kollha mressqa u d-dokumenti ezebiti, u wara li rriferit ghal-gurisprudenza *in subjecta* materja, ikkonkludiet li ma kienx irrizulta li l-attrici f'dik il-kawza, Anna Dingli, qatt giet murija jew informata li huma kienu qeghdin jaslu fi ftehim maghha ghan-nom tas-socjeta' kummercjali u mhux f'isimhom proprju.

Ghalkemm l-Onorabbli Qorti tal-Appell kienet qed tezamina c-cirkustanzi li waslu lill-artisti jaghmlu wirja fil-*Moulin D'Or* , hija kienet qed tittratta biss ir-relazzjoni tal-konvenuti mal-attrici f'dik il-kawza, u allura din il-Qorti kellha tezamina l-provi biex tara, jekk, fil-konfront tal-attur, kienux jezistu cirkustanzi differenti u partikolari ghalih li jistghu jinducu lill-Qorti tasal ghal-konkluzzjoni mixtieqa mill-konvenuti. Il-Qorti, *pero'*, wara li ezaminat l-atti, tara li m'hemm xejn x'jindika li l-attur kien gie mgharaf li s-sala kienet ta' kumpanija. Anke meta hu 'ltaqa mal-konvenuti, id-diskussjonijiet dejjem saru fuq id-dettalji tal-progett, u qatt ma gie indikat lilu li seta' kien hemm involuta xi kumpanija. L-introduzzjoni ghal-progett saret minn Anna Dingli li kienet taf lil Brian Abela, u kienet il-persuna li lilha saret il-proposta l-ewwel darba. Meta din tkellmet mal-attur dwar l-idea tal-progett, id-diskors dejjem kien fuq bazi personali, u dan peress li hi (u dan gie konfermat mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-sentenza ripartata) qatt ma kellha indikazzjoni li l-konvenuti kienu qed jagixxu f'isem xi kumpanija. Kif qalet l-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza "D&S Lifts Ltd vs Farrugia", deciza fis-7 ta' Mejju, 2004, il-prova li l-parti l-ohra kienet taf li n-negozju kien qed isir f'isem socjeta' trid tkun *"prova konklusiva u inekwivoka"*, u kif intqal mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza "Grech vs Spiteri", deciza fil-25 ta' Mejju, 2001, *"certament ma kienx bizzejjed li l-appellant jafferma dak li kien apparentement maghruf lilu biss, u cioe', l-ezistenza tas-socjeta' qua gestitrici tan-negozju, izda li ma kienx maghruf lil terzi"*.

Kif inghad, mill-provi ma hemm xejn x'jindika li l-attur kien jaf li l-konvenuti kienu qed jittrattaw f'isem haddiehor. In-negozjati, principalment, saru bejn il-konvenuti u Anna Dingli u gia gie stabbilit li, sakemm inqalghet il-kwistjoni, l-konvenuti qatt ma deffsu fin-nofs il-kumpanija *Moulin D'Or Ltd*, u n-negozjati u l-ftehim li saru maghha, saru mal-konvenuti personalment.

Illi apparti dan jirrizulta wkoll mix-xhieda taz-zewg konvenuti stess li huma qatt ma ipprezentaw ruhhom bhala diretturi jew rappresentanti tal-istess socjeta' minnhom illum nominata, u mill-istess xhieda taghhom jirrizulta li qatt ma qalu xejn dwar dan hlief biss wara li saret l-allegata serqa, u meta l-istess artisti bdew jinsistu ghall-hlas.

Illi l-argumenti tal-istess konvenuti li fuq barra tas-sala fuq plakka hemm l-isem tas-socjeta' *Moulin D'Or Company Limited*, u wkoll li fuq il-pitturi esebiti fl-istess sala kien hemm *letterheads* tal-istess socjeta' indikata, apparti li l-istess fatti qatt ma gew pruvati bil-produzzjoni tal-istess affarijiet u isem u listi, xorta jibqa' l-fatt li anke kieku dan kien minnu bl-ebda mod ma jista' jinghad li b'daqshekk il-konvenuti ppruvaw li huma ma kienux qed jidhru f'isimhom personali izda ghan-nom ta' din is-socjeta' minnhom indikata, anke ghaliex dan mhux il-mod li wiehed jistabilixxi u jikkuntratta ghan-nom ta' xi hadd inkluz ghan-nom ta' socjeta' li ghandha personalita' guridika distinta, u *di piu'* l-ftehim mal-konvenuti dwar il-pitturi mertu tal-kawza odjerna sar qabel ma' l-istess pitturi twahhlu fis-sala *de quo*. It-tqeghid tal-istess pitturi fis-sala mill-attur kien fil-fatt esekuzzjoni tal-ftehim gia milhuq bejnu u bejn il-konvenuti.

Illi l-istess argument japplika dwar l-allegata *time table* tal-istess sala u dan apparti li qatt ma giet prodotta ukoll; u l-istess dwar l-allegat *welcome speech* li sar fl-okkazzjoni tal-ftuh tas-sala, ghaliex certament li ma jistax ikun li r-relazzjoni bejn l-attur u l-konvenuti jew il-*veste* taghhom tigi stabbilita *a bazi* tal-istess *welcome speech*.

L-Onorabbli Qorti tal-Appell, fis-sentenza taghha tat-3 ta' Dicembru, 2004, ezaminat ukoll il-kwistjoni tal-*invoice* u tal-assikurazzjoni mahruga, u ikkonkludiet li fil-waqt li l-*invoice* tindika biss l-isem *Moulin D'Or*, u fiha ma hemm ebda indikazzjoni ta' xi kumpanija, fil-kuntest tal-assikurazzjoni, n-negozjati saru mill-konvenuti u l-*brokers* imqabda minnhom, u ghalkemm il-polza harget fuq isem il-kumpanija tal-konvenuti, l-attur ma kienx involut f'dawn it-trattativi.  Din il-Qorti taghmel referenza u tadotta l-argumentazzjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Appell li waslitilha ma taccettax li dawn id-dokumenti setghu jaghtu indikazzjoni lill-artisti li l-ftehim kien sejjer isir ma' kumpanija u mhux mal-konvenuti personalment.

Din il-Qorti ezaminat kemm id-decizjoni ta' din il-Qorti kif wkoll dik moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell, u taqbel li l-konvenuti, li kellhom l-oneru li juru li lill-parti l-ohra kienu gharfuha li ma kienux qed jidhru f'isimhom (ara "Dingli noe vs General Commercial and Industrial Enterprises Ltd", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-24 ta' Settembru, 2004), ma irnexxielhomx jissodisfaw dak li allegaw.

Ghar-rigward ta' l-eccezzjoni tal-intempestivita', din ukoll giet trattata mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tat-3 ta' Dicembru, 2004, u fid-dawl tac-cirkustanzi, ma irrizultalhiex la li l-attrici irrinunzjat ghad-dritt tal-azzjoni taghha, u lanqas li hi ftehmet li tistenna l-konkluzzjoni tal-pendenza bejn il-konvenuti u s-socjeta' assikurattrici.  Minn ezami li ghamlet din il-Qorti fil-kuntest tal-attur, jirrizulta l-istess li l-attur la irrinunzja ghad-drittijiet tieghu, u lanqas ma accetta li jissospendi l-ezercizzju tad-drittijiet tieghu sakemm tigi determinata l-kwistjoni mas-socjeta' assikuratrici.  Il-fatt li l-artisti accettaw li jistennew ftit biex jaraw kif kienu se jizvillupaw l-affarijiet bejn il-konvenuti u s-socjeta' assikuratrici, ma jfissirx li huma kellhom jibqghu jistennew indefinitament, u meta dehrilhom li taw cans bizzejjed izda inutilment, huma kellhom kull dritt li jagixxu kontra l-konvenuti, kif fil-fatt ghamlu.

*Kwindi,* l-aggravji tal-konvenuti ma ghandhomx jigu milqugha.

Ghal-bqija, jirrizulta li l-attur ikkonsenja l-pitturi tieghu lill-konvenuti, u dawn ma gewx konsenjati lilu lura. Kif qalet din il-Qorti fil-kawza "Manche' vs Said", decisa fit-28 ta' Mejju, 2003, depozitarju hu obbligat li jrodd lura dawk l-oggetti lil min ikun fdahom f'idejh, u jekk jonqos minn dawn id-dmirijiet huwa jkun responsabbli tat-telf jew hsara li tali nuqqas igib lil min ikun ghamel id-depozitu. L-attur ikkonferma li l-valur tal-pitturi li ma nghatax lura huwa ta' Lm1,610.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, u tilqa' t-talbiet tal-attur, u tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lill-attur is-somma ta' Lm1,610 (elf sitt mija u ghaxar liri Maltin), valur tal-pitturi mhux ritornati, bl-imghaxijiet legali mil-lum sal-pagament effettiv.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu kollha mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------